V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8864 — Vodafone/Certain Liberty Global Assets)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 391/03)

1. Fid-19 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Vodafone Group Plc ("Vodafone", ir-Renju Unit),

— UPC Česká republika, s.r.o. ("UPC CZ", ir-Repubblika Ċeka), Unitymedia GmbH ("Unitymedia", il-Ġermanja), UPC Magyarország Kft ("UPC HU", l-Ungerija), u UPC Romania S.R.L. ("UPC RO", ir-Rumanija), li jappartjenu għall-grupp Liberty Global plc.

Vodafone takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' UPC CZ, Unitymedia, UPC HU u UPC RO kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Vodafone: fornitur ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet mobbli, u f'ċerti pajjiżi, fornitur ta' telefonija fissa, broadband fiss, u servizzi televiżivi għall-konsumatur,

— Unitymedia, UPC CZ, Unitymedia, UPC HU u UPC RO: forniturі ta' telefonija fissa tal-vuċi, broadband fiss, u servizzi tat-televiżjoni għall-konsumatur fir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Ungerija u r-Rumanija. Fil-Ġermanja u l-Ungerija, fornitur ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet mobbli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8864 — Vodafone/Ċerti Assi Liberty Global

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË